# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 15

Data tal-laqgħa: 2 ta' Mejju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis, 20 ta' Marzu 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fis-6:38p.m. billi ntqalet it-talba.

## 15/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**15/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija u b'hekk kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 15/02 Vakanza Clerk, Skala 15, Part Time

**15/02/01** Id-DSE infurmat kif l-intervisti għal din il-pożizzjoni kien hemm qbil li jinżammu nhar it-Tnejn 21 ta' April 2025, fis- 6 ta' filgħaxija u li kull Kunsillier kien ser ikun fuq dan il-bord ta' l-għażla. Madanakollu hi spjegat ukoll kif fl-aħħar ħin, id-DSE kienet ġiet infurmata li kemm is-Sa Meli kif ukoll is-Sur Fenech ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra u talbu sabiex il-bord jipproċedi bl-intervisti. Għal din ir-raġuni, hi infurmat kif l-intervisti kienu nżammu peress li preżenti kien hemm is-Sindku bħala ċ-*Chairman,* is-Sa Francesca Attard u s-Sa Marilena Hassan.

**15/02/02** Id-DSE qabel ma kompliet tinforma lill-Kunsilliera b'dak li kien ġara f'dib l-intervista, fakkret lill-kunsilliera preżenti sabiex l-ismijiet tal-applikanti ma jiġux msemmija waqt din il-laqgħa minħabba *data protection.*

**15/02/03** Id-DSE kompliet tispjega kif l-intervista nżammet ma' applikanta waħda li kienet l-unika waħda eleġibbli minn erbgħa applikanti. Peress li kienet eleġibbli u kkwalifikata, l-intervista kellha tinżamm xorta waħda. Il-bord preżenti ivvota tnejn favur u waħda kontra. Għal din ir-raġuni , hi

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


spjegat kif kienet ivverifikat kemm mal-Jobsplus kif ukoll ma' l-HR tad-Diviżjoni għal Gvern Lokali biex naraw jekk bħala Kunsill jistax jgħażel persuna li hija kwalifikata pero tiġi minn impjegata fi ħdan il-Kunsill. Hi qalet ukoll kif peress ma kienx hawn kulħadd preżenti għal din l-intervista, hi ressqet fuq il-mejda is-CV flimkien mal-kwalifikazzjonijiet sabiex wieħed ikun jistà jara dawn id-dokumenti.

**15/02/04** Is-Sa Mariah Meli staqsiet jekk l-applikanta qalitx x'esperjenza ta' xogħol għandha.

**15/02/05** Is-Sindku, is-Sa Gauci, spjegat kif l-applikanta kienet mitluba titkellem fuq ix-xogħol li hi kienet għamlet fil-passat u jekk kelliex esperjenza taħdem ma' nies oħra. Hi spjegat kif l-applikanta kienet għamlet perjodu taħdem bħala *salesgirl* ġo ħanut u kellha relazzjoni kemm mal-klijenti kif ukoll ma' imjegati oħra li kienu jaħdmu fl-istess ħanut.

**15/02/06** Is-Sa Meli ġibdet l-attenzjoni kif l-applikanta ma kelliex esperjenza ġo ufficcju. Skużat ruħha kif dakinhar ta' l-intervista ma' setatx tattendi peress li kellha *deadline* ix-xogħol li kellha tleħħaq magħha għalkemm kienet infurmat li kienet ser tattendi għal din l-intervista.

**15/02/07** Is-Sa Meli staqsiet jekk l-applikazzjonijiet tal-persuni li kienu meqjusa mhux eleġibbli, jekk kienux ippreżentati quddiem il-bord.

**15/02/08** Id-DSE infurmat kif il-bord kien iltaqà ftit ħin qabel ma nżammet l-intervista sabiex tagħti spjegazzjoni dwar l-applikazzjonijiet li kienu waslu għand il-Kunsill u d-dokumenti kienu kollha.

**15/02/09** IS-Sa Francesca Attard qalet kif kienet ġiet ippreżentat b'karta bid-dettalji ta' l-applikanti kollha.

**15/02/10** Id-DSE ikkonfermat li kienet preżentat karta fejn turi d-dettalji ta' l-applikanti kollha u kif id-dokumenti kienu fuq il-mejda f'każ li xi ħadd mill bord xtaq jara l-applikazzjonijiet xorta waħda. Hi qalet ukoll kif daret l-applikazzjonijiet waħda waħda u spjegat ir-raġunijiet għalfejn ma kienux jistgħu jiġu meqjusa eleġibbli. Hi spjegat kif applicant ma kellux l-kwalifika fil-matematika u lanqas fl-IT, applicant ieħor kien barrani u ma kellux iċ-ċertifikati miltuba, u applicant oħra kellha l-Ingliż marka b'numru 6 u ma setatx tiġi kkunsidrata.

**15/02/11** Is-Sa Meli reġgħet staqsiet jekk ic-CVs kienux imressqa lill-bord.

**15/02/12** Id-DSE reġgħet spjegat kif l-applikazzjonijiet kollha kienu qedin fuq il-mejda, u min xtaq jarhom faċilment seta joħodhom quddiemu u jarhom aħjar.

**15/02/13** Is-Sa Meli infurmat kif ġaladarba is-sejħa kienet esterna, dawn l-applikazzjonijiet għandhom ikunu available għal kulħadd.

**15/02/14** Id-DSE għal darb'oħra reġgħet spjegat kif id-dokumenti kollha kienu *available* kemm qabel kif ukoll wara li nżammu l-intervisti. Il-karta li ressqet kienet biss sommarju ta' dawk l-applikanti li wrew interess għal din l-applikazzjoni. Ġaladarba il-membri kienu infurmati li dawn ma kienux eleġibbli, ħadd minn dawk preżenti ma talbu biex jaraw id-dokumenti.

**15/02/15** Is-Sa Meli staqsiet min ikun il-persuna li jiftaħ l-applikazzjonijiet.

**15/02/16** Id-DSE infurmat li kien hemm applikazzjonijiet li waslu permezz ta' emejl u waħda *by hand* pero miftuħa minnha stess.

**15/02/17** Is-Sa Meli qalet kif is-sejħa tkun esterna, l-aħjar li wieħed jgħaddi l-applikazzjonijiet mill-bord umbad il-bord jiddeċiedi min hu eleġibli jew le u kif kellha tinżamm laqgħa qasira qabel ma nżammu l-intervisti.

**15/02/18** Id-DSE fakkret li l-board kien miftihem sabiex kwarta qabel l-intervista kulħadd ikun preżenti sabiex l-applikazzjonijiet jiġu vverifikati. Għal darb'oħra ikkonfermat li dak li sar kien eżatt kif kien ġie miftihem minn qabel.

**15/02/19** Wara li dawk li kienu preżenti għall-intervisti ikkonfermaw li hekk kien sar, id-DSE qalet ukoll kif idealment ħabba *Data Protection* ta' l-applikanti, kollox jiġi diskuss eżatt qabel ma jinżammu l-intervisti u jkun hemm anke opportunità biex membru jiddikjara jekk jinzerta jkun jaf jew jiġi mill-viċin mill-applikanti preżenti dakinhar.

**15/02/20** Is-Sa Meli qalet li forsi jkun aħjar li l-bord ta' l-għażla jibda jinħatar indipendenti.

**15/02/21** Id-DSE infurmat li l-Kunsill jistà jimxi b'dan il-mod ġaladarba l-Kunsill ikun qabel minn qabel dwar kif ser ikun qed jipproċedi.

**15/02/22** Is-Sur Christopher Fenech staqsa jekk ġewx ippreżentati ċ-ċertifikazzjonijiet oriġinali.

**15/02/23** Is-Sa Gauci qalet kif dawn kienu f'idejn il-bord qabel ma nżammet l-intervista u kienu l-istess dokumenti li kienu mressqa mid-DSE fil-bidu ta' din il-laqgħa.

**15/02/24** Is-Sa Meli qalet kif hi ma kinitx konvinta minħabba l-esperjenza.

**15/02/25** Id-DSE fakkret li din il-laqgħa kienet ġiet imsejħa b'urġenza sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-board għandhiex tkun approvata jew le u għal din ir-raġuni, id-DSE qalet kif ser tkun qed tipproċedi fuq dak li jkun ġie deċiż.

**15/02/26** Is-Sa Meli qalet kif ma kinitx konvinta fuq l-esperjenza peress li l-esperjenza ġo ħanut hija differenti minn dik ta' uffiċċju.

**15/02/27** Id-DSE fakkret ukoll li l-persuna magħżula ser ikollha sitt xhur żmien ta' prova. Għal din ir-raġuni, jekk il-Kunsill jara li l-persuna mhux qed jirnexxiela taqbad is-sistemi u proċeduri involuta, wieħed jistà jittermina l-kuntratt u ma hemmx għalfejn tingħata raġuni. Żiedet tgħid ukoll li din kienet ukoll ċara waqt l-intervista.

**15/02/28** Is-Sinsku espremiet li kien ikun ideali li l-bord ikollu xelta minn fejn seta jgħażel imma sfortunatament waħda biss kienet eleġibbli u kienet ukoll addatata għal dan ix-xogħol.

**15/02/29** Is-Sa Meli qalet kif il-Kunsill m'għandux jaqbad u jipproċedi għax hemm applikanta waħda.

**15/02/30** Is-Sindku fakkret li l-uffiċċju amministrattiv jinsab f'pożizzjoni kritika fejn jekk l-unika impjegat ma jkunx jistà jirrapporta għax-xogħol, l-uffiċċini tal-Kunsill ikollhom jinżammu magħluqa.

**15/02/31** Is-Sa Marilena Hassan qalet li l-applikanta għandha ċertifikat ta' l-ECDL u ma setatx tifhem x'kienet il-problema li qed iżomm persuni milli japprovaw.

**15/02/31** Is-Sa Meli staqsiet kemm l-applikanta kienet ilha nieqsa mix-xogħol.

**15/02/31** Id-DSE infurmat li ma kienx hemm dati fuq is-CV, pero is-Sa Francesca Attard żiedet tgħid li waqt l-intervista kienet semmiet li kienet ilha madwar tnax-il sena nieqsa mid-dinja tax-xogħol.

**15/02/32** Is-Sa Attard qalet ukoll li l-aħjar meta jkun hemm pożizzjoni li għandha timtela, l-esperjenza għandha tingħata aktar importanza mill-kwalifiċi.

**15/02/33** Is-Sa Gauci spjegat li s-sitwazzjoni li qiegħed fiha l-Kunsill hija diġa problematika. Hi semmiet kif l-għada ta' din il-laqgħa l-impjegat klerikali kien informa dalgħodu li għandu funeral u mhux ser ikun jistà jinfetaħ l-uffiċċju tal-Kunsill.

**15/02/34** Is-Sa Meli ipproponiet li sakemm il-Kunsill isib persuna, il-Kunsilliera jistgħux jidħlu jgħamlu dan ix-xogħol sabiex l-uffiċċju jkun dejjem miftuh.

**15/02/35** Is-Sa Gauci qalet li hi diġa tagħmel ħafna xogħol fil-Kunsill u kif dan mhux xogħol li għandu jsir minn Sindku jew Kunsillier.

**15/02/36** Is-Sa Hassan qablet mas-Sa Gauci u żiedet tgħid kif kulħadd għandu x-xogħol tiegħu stress u jkun impossibli biex xi ħadd jiġi jgħamel dan ix-xogħol.

**15/02/37** Is-Sa Meli qalet li jekk din il-persuna tiġi approvata, xorta mhux ser tkun qed tiftaħ l-uffiċċju l-għada stress waħedha ġaladarba l-impjegat l-ieħor ma jkunx jistà.

**15/02/38** Is-Sa Gauci qalet kif wieħed ma kienx qed jippretendi li din il-persuna tkun waħeda minn għada stess, pero kif tgħalmu impjegati oħra, hi ser tkun qed tingħata l-istess taħriġ sakemm din tkun tajba biżżejjed li taf tmexxi anke jekk tkun fl-uffiċċju waħedha.

**15/02/39** IS-Sa Meli staqsiet jekk il-Kunsill jistax jerġa joħroġ din is-sejħa esterna

**15/02/40** Id-DSE infurmat kif hi qatt ma kellha din is-sitwazzjoni u l-aħjar li tiċċekja kif inhu l-aħjar mod li wieħed ikun jistà jipproċedi.

**15/02/41** Id-DSE talbet sabiex titkellem fuq is-sitwazzjoni li hi għandha fil-preżenti.

**15/02/42** Bil-permess tal-Kunsilliera preżenti hi spjegat kif preżentament hi qed tipprova tagħlaq żewġ skemi li diġa nżammu mill-Kunsill – l-avveniment li nżamm fil-Milied li għadda kif ukoll l-avveniment li sar fil-Karnival f'Marzu li għadda. Hi spjegat kif wara li dawn iż-żewġ avvenimenti nżammu, l-Kunsill ikun irid jibgħat diversi dokumenti bħal kopja

tal-fatturi u rċevuti kif ukoll ritratti u dokumenti oħra mitluba li ma jsirux fi ftit ħin. Hi spjegat kif fil-bidu ta' dik il-ġimgħa kienet għadha kif bagħtet id-dokumenti relatati ma' l-avveniment tal-karnival u fl-istess waqt irċiviet komunikazzjoni fejn il-Kunsill ġie mitlub jibgħat dokumenti oħra li kienu neqsin mill-iskema tal-Milied. Għalkemm hi tapprezza l-għajnuna li qed jgħatu uħud mill-Kunsilliera, il-problema hija li dan huwa xogħol amministrattiv u d-dokumenti jkunu qedin il-Kunsill.

**15/02/43** Is-Sur Christopher Fenech qal kif dan ix-xogħol xorta ma jistax isir mill-persuna jekk tiġi mpjegata llum stess.

**15/02/44** Id-DSE spjegat kif din il-persuna xorta waħda tkun tistà tgħin billi tfittex dawn id-dokumenti u anke ċċempel lin-nies ikkonċernati għal irċivuti.

**15/02/45** Is-Sa Meli baqgħet tinsisti li l-impjegat għandu jkun bl-esperjenza u jaf juża s-sistemi ġol-Kunsilli Lokali.

**15/02/46** Id-DSE spjegat kif biex il-Kunsill isib persuna hekk, irid ikun persuna li diġa jaħdem f'Kunsill Lokali ieħor u li diffiċli meta tikonsidra li l-pożizzjoni hija fuq bażi Part Time u fuq l-inqas skala klerikali.

**15/02/47** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif hi ġiet infurmata li l-proċess tas-Segretarji Eżekuttivi beda wkoll minn naħa tad-Diviżjoni u eventwalment is-sitwazzjoni ser tkun qed tinbidel aktar 'il quddiem.

**15/02/48** Id-DSE qalet kif kienet semgħat li kienu inżammu l-intervisti u kif riċenti kienu ħabbru l-lista ta' persuni eleġibbli għal din il-pożizzjoni u kif kienet qed tistenna direzzjoni mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar dan. Hi qalet ukoll li malli tkun infurmata b'xi ħaga, ser tkun qed tinforma lill-Kunsill immedjatament.

**15/02/49** Is-Sa Meli staqsiet jekk l-impjegati li kienet ħarġet bil-leave tal-maternità jekk kienitx infurmat lill-Kunsill x'ser tkun qed tagħmel wara dan il-perjodu.

**15/02/50** Id-DSE infurmat li hi kienet talbet lill-impjegata tinforma bil-ħsieb tagħha u kif hi kienet qalet li ser tkun qed tirritorna mill-ewwel hekk kif jgħaddu t-tmintax-il ġimgħa ta' leave.

**15/02/51** Is-Sa Gauci qalet li l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni u kif hi kienet qed tipproponi li din il-persuna tiġi mpjegata u nżommu f'moħħna li hemm sitt xhur perjodu ta' prova.

15/02/52 Is-Sa Hassan qablet ma dan il-proposta u żiedet tgħid li jekk il-Kunsill ikun qed jara li l-persuna mhux qed taqbad is-sistemi, il-Kunsill għandu jerġa joħroġ sejħa oħra.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**15/02/53** Id-DSE żiedet tgħid li l-permess ta' impjieg mill-Jobsplus ikun twil għal perjodu ta' sena. Għal din ir-raġuni, jekk il-persuna magħżula llum ma tinstabx tajba, il-Kunsill joħroġ sejħa esterna u mhux jerġa jibda l-proċess ta' impjieg mill-bidu nett.

15/02/53 Is-Sa Meli staqsiet jekk is-sejħa esterna tkunx tistà tinħareġ through portals differenti.

15/02/54 Id-DSE infurmat li din is-sejħa kienet ippublikata fuq il-gazzetta tal-Gvern u fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill jistà jippublika fuq mezzi oħra pero din id-darba ma sarx hekk biex ma jkun hemm kont ieħor peress li s-sitwazzjoni finanzjarja mhux waħda ideali.

15/02/55 Is-Sa Meli staqsiet jekk darb'oħra l-Kunsill jaċċettax li l-post fuq il-paġna ta' Facebook tiġix *boosted* b'€15.

15/02/56 Il-Kunsilliera preżenti ma sabux oġġezzjoni dwar dan.

15/02/57 Id-DSE qalet li dan id-diskors jistà wieħed jipproċedi fuqu ġaladarba l-Kunsill ikun hemm jaqbel li din il-persuna mhux ser tiġi magħżula. Qabel ma jsir hekk, il-Kunsill irid jiddeċidi fuq dak li qed jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

15/02/58 Is-Sindku ipproponiet li għandha tiġi mpjegata fuq probazzjoni u wieħed jara kif tkun miexja.

15/02/59 Is-Sa Attard qalet kif l-esperjeza kienet dik li hemm. Għalkemm il-Kunsill jinsab imsalleb bis-sitwazzjoni li qiegħed fiha fil-preżent, din għadha trid titgħallem.

15/02/60 Id-DSE qalet li l-persuna ser turina skond kemm tkun lesta li titgħallem u.

15/02/61 Is-Sa Meli qalet li hi tixtieq li terġa tinħareġ sejħa.

15/02/62 Is-Sa Hassam qalet li tapprova li l-Kunsill japprova u jara kif tkun sejra fi żmien ta' prova.

**15/02/63** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Kunsill għandu jerġa joħroġ sejħa oħra.

**15/02/64** Is-Sa Attard qablet mas-Sa Meli u s-Sur Fenech li l-Kunsill għandu jerġa joħroġ sejħa esterna.

**15/02/65** id-DSE infurmat li hi ser tkun qedha tistaqsi lill-HR tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u tispjega x'ġara ma din is-sejħa. Hi qalet ukoll li s-sejħa tal-Kunsill fl-ebda ħin ma keient qed titlob għal esperjenza fix-xogħol imma li hija kkwalifikata.

**15/02/66** Is-Sindku reġgħet fakkret li jekk l-impjegat ma jkunx jistà jirrapporta għax-xogħol f'każ ta' *sick leave* jew *vacation leave,* l-uffiċini tal-Kunsill ser ikunu qed jinżammu magħluqa.

**15/02/67** Is-Sa Attard offriet li meta jkun hemm bżonn hi kienet lesta li tidħol tiftaħ is-Sibt jew filgħaxija wara ix-xogħol.

**15/02/68** Id-DSE spjegat kif ftit tal-ġranet ilu, l-impjegat xtaq jidhol tard u jieħu tliet siegħat leave u hi offriet sabiex tkun l-uffiċċju sabiex ma jerġax jinżamm magħluq. Pero

**15/02/69** Is-Sa Meli qalet li l-impjegat li hemm fil-preżent ukoll ma jafx kollox u ma jistax jgħallimha kollox. Hi reġgħet tenniet li l-proċedura ma kinitx saret kif suppost u l-applikazzjonijiet kellhom jiġu diskussa mal-Bord qabel ma nżammu l-intervisti.

**15/02/70** Id-DSE esprimiet id-dispjaċir tagħha li din id-direzzjoni ma ġiet mgħotija qabel ma sar il-proċess u qed jiġi mqajjem dan kollu wara li hi kienet imxiet ma dak li kien ġiet propost u maqbul mill-istess nies.

**15/02/71** Kien hemm qbil li d-DSE iġġib direzzjoni mill-HR tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikollu direzzjoni ċara ta' kif għandu jipproċedi.

**15/02/72** Is-Sa Meli ipproponiet ukoll, li jekk ikun hemm l-għażla li l-Kunsill jistà joħroġ is-sejħa esterna, l-amminsitrazzjoni taqbad u tipproċedi u ma toqodx tistenna u jekk ikun hemm qbil ukoll, din tiġi *boosted* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali, imqar b'€15.

**15/02/73** Is-Sa Gauci qalet kif hi ma ssib l-ebda oġġezzjoni pero sakemm jiġi mpjegat persuna oħra l-proċedura ta' l-uffiċċju ser tkun li jinżam magħluq peress li ma hemmx għażla oħra.

**15/02/74** Kien hemm qbil li d-DSE ser tkun qed titlob kjarika u ser tkun qed tiġi kkomunikata lill-Kunsilliera għal direzzjoni.

## 15/3 Tmiem tal-laqgħa

**15/3/01** Il-laqgħa spiċċat fis-19:05p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti.

**IFFIRMATA**

**Helen Gauci**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**